KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.5.2006
KUMM(2006) 194 finali

GREEN PAPER

L-INIZJATTIVA EWROPEA FAVUR IT-TRASPARENZA

(preżentata mill-Kummissjoni)

MT

MT

GREEN PAPER

L-INIZJATTIVA EWROPEA FAVUR IT-TRASPARENZA

I. INTRODUZZJONI

L-impenn biex jikbru l-opportunitajiet għall-partijiet interessati sabiex jipparteċipaw attivament fl-iffurmar tal-politika ta' l-UE huwa wieħed mill-"Għanijiet Strateġiċi 2005 – 2009" li bihom il-Kummissjoni Ewropea nediet "Sħubija għal Tiġdid Ewropew"[1]. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni enfasizzat, partikularment, li *"inerenti fl-idea tas-sħubija huma l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni"*.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' *"livell għoli ta' trasparenza"* sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun *"miftuħa għall-iskrutinju pubblika u responsabbli għal xogħolha"*.

Il-Kummissjoni temmen li standards għolja ta' trasparenza huma parti mil-leġittimità ta' kwalunkwa amministrazzjoni moderna. Il-pubbliku Ewropew huwa intitolat jippretendi istituzzjonijiet pubbliċi effiċjenti, responsabbli u li jimmiraw li jkunu ta' servizz; u li jippretendi li s-setgħa u r-riżorsi fdati lill-entitajiet politiċi u pubbliċi jiġu mmaniġġati bl-attenzjoni u ma jiġu abbużati qatt għall-gwadann personali.

Fuq dan l-isfond, il-Kummissjoni nediet "l-Inizjattiva Ewropea Favur it-Trasparenza" (ETI) f'Novembru 2005[2].

L-Inizjattiva hija maħsuba li tibni fuq sensiela ta' miżuri marbuta mat-trasparenza li l-Kummissjoni ġa daħħlet, partikularment dawk li ttieħdu bħala parti mir-riformi ġenerali li bdew jiġu implimentati sa mill-1999 u fil-*White Paper* dwar il-Governanza Ewropea. Dawn li ġejjin huma kisbiet ewlenin f'dan il-qasam:

– il-leġiżlazzjoni dwar 'l-aċċess għad-dokumenti' (ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001), li jipprovdi l-qafas għall-aċċess għad-dokumenti mhux ippubblikati ta' l-istutizzjonijiet u l-entitajiet ta' l-UE permezz ta' reġistru ta' dokumenti jew ta' rispons għal talbiet individwali. Il-Kummissjoni ħolqot reġistru speċjali tad-dokumenti (kif mitlub mir-Regolament) kif ukoll reġistru speċjali ta' dokumenti marbuta ma' xogħol tal-kumitati tal-'komitoloġija';

– it-tnedija ta' *databases* li jipprovdu tagħrif dwar entitajiet konsultattivi u gruppi esperti li jagħtu pariri lill-Kummissjoni;

– konsultazzjoni wiesgħa ta' partijiet interessati u l-istudji fil-fond dwar l-impatt li jsiru qabel il-proposti ta' liġijiet. Dawn jgħinu biex jiġi żgurat li t-tħassib taċ-ċittadini u tal-partijiet interessati kollha jiġu kkunsidrati kif jixraq. Dawn huma kontribuzzjonijiet essenzjali għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni dwar "tifsil aħjar ta' liġijiet";

---

1 KUMM(2005) 12.

2 SEG(2005) 1300.

– il-"Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba" tal-Kummissjoni, li hija l-punt ta' referenza tagħha għal servizz ta' kwalità fir-relazzjonijiet tagħha mal-pubbliku. L-etika professjonali ta' l-istaff tal-Kummissjoni hija rregolata fir-Regolamenti ta' l-Istaff u fir-regoli ta' l-implementazzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-livell politiku, it-Trattat tal-KE jinkludi dispożizzjonijiet ċari dwar l-istandards etiċi li għandhom jiġu osservati mill-Membri tal-Kummissjoni. Dawn iddaħħlu fis-seħħ permezz tal-'Kodiċi tal-Kondotta għall-Kummissarji'.

Bl-Inizjattiva Ewropea Favur it-Trasparenza, il-Kummissjoni nediet reviżjoni ta' l-approċċ ġenerali tagħha għat-trasparenza. L-għan huwa li jiġi identifikat u stimulat dibattitu dwar l-oqsma fejn għandu jsir titjib. B'hekk, l-Inizjattiva tkopri spettru wiesa' ta' kwistjonijiet. Dawn ivarjaw minn tagħrif aktar sħiħ dwar il-ġestjoni u l-użu tal-fondi tal-Komunità, għal etika professjonali fl-Istituzzjonijiet Ewropej u l-qafas li fih qed joperaw il-*lobby groups* u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Meta kienet qed tniedi l-Inizjattiva fid-9 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn tliet oqsma ta' azzjoni.

Fl-ewwel qasam, ġie deċiż li tittieħed l-azzjoni immedjata li ġejja:

– Sabiex ikun jista' jsir skrutinju aħjar ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE taħt ġestjoni ċentralizzata, qed jinħoloq sit ta' l-internet iddedikat għal dan, li jipprovdi aċċess faċli għat-tagħrif eżistenti dwar il-benefiċjarji aħħarija tal-proġetti u programmi. Is-sit se jkun fih ukoll links ma' websajts ta' l-Istati Membri fejn tkun tista' tinsab id-*data* dwar il-benefiċjarji tal-fondi ta' l-UE taħt ġestjoni konġunta.

– Il-Kummissjoni se ttejjeb il-kopertura tar-reġistru tad-dokumenti, partikularment sabiex jitqiegħdu iktar dokumenti *online*.

It-tieni grupp se jkun jikkonsisti f'dibattitu ma' l-Istituzzjonijiet Ewropej dwar:

– ir-regoli u l-istandards dwar l-etika professjonali ta' dawk f'uffiċċju pubbliku fl-Istituzzjonijiet Ewropej;

– rikonsiderazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-"aċċess għad-dokumenti". Il-kooperazzjoni interistituzzjonali dwar dan is-suġġett se tkun issupplimentata b'konsultazzjoni tal-partijiet interessati li għandha ssir lejn l-aħħar ta' l-2006 jew il-bidu ta' l-2007 u, segwita minn proposta mill-Kummissjoni;

– reviżjoni tal-qafas legali għall-uffiċċju ta' l-UE kontra l-frodi OLAF sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri sistematikiment jinnotifikaw lill-Uffiċċju dwar ir-riżultati finali tal-każijiet ta' frodi rrappurtati lill-awtoritajiet nazzjonali.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni identifikat tliet komponenti ewlenin ta' l-ETI li għandhom jitmexxew 'il quddiem fuq il-bażi ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa u li huma suġġett ta' din il-*Green Paper*.

- **Il-ħtieġa ta' qafas iktar strutturat għall-attivitajiet ta' rappreżentanti ta' interessi (*lobbyists*)**

  L-għamil bil-miftuħ dejjem kien il-prinċipju gwida tal-Kummissjoni għal kuntatti ma' rappreżentati ta' interessi. F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni saħħet u ssuktat tiżviluppa l-politika tagħha dwar il-parteċipazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra, partikularment bl-adozzjoni tal-"*White Paper* dwar il-Governanza Ewropea" u l-"Prinċipji Ġenerali u Standards Minimi għall-Konsultazzjoni ta' Partijiet Interessati"[3].

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni enfasizzat il-prinċipju li *"ma' involviment aħjar tiġi responsabbiltà ikbar"*[4]. Ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti ta' l-interessi jridu jkunu miftuħa għall-iskrutinju estern. Għalhekk tqies li huwa l-waqt biex jiġi rrikunsidrat il-qafas għal attivitajiet tar-rappreżentanti ta' l-interessi u jintalbu l-fehmiet dwar il-ħtieġa ta' inizjattivi ġodda.

- **Reazzjoni dwar l-istandards minimi tal-Kummissjoni dwar il-konsultazzjoni**

  L-istandards tal-Kummissjoni dwar il-konsultazzjoni jikkontribwixxu biex tiġi żgurata interazzjoni trasparenti bejn ir-rappreżentanti ta' l-interessi u l-Kummissjoni. Issa, l-istandards ilhom tliet snin minn mindu daħlu fis-seħħ għall-ewwel darba.

  Il-Kummissjoni tixtieq iżżid mal-monitoraġġ intern tagħha stess dwar l-applikazzjoni ta' l-istandards billi tintalab reazzjoni esterna.

- **Żvelar obbligatorju ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji aħħarija tal-fondi ta' l-UE ġestiti komunement.**

  Barra mill-portal ta' l-internet, li l-Kummissjoni semmiet iktar 'il fuq, tqajmet il-kwistjoni jekk l-Istati Membri għandhomx jiġu obbligati bil-liġi li jikxfu min huma l-benefiċjarji ta' fondi ta' l-UE ġestiti komunement.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-fehmiet tagħhom dwar dawn is-suġġetti billi jwieġbu l-mistoqsijiet li hemm fil-kapitli speċifiċi dwar kull waħda mit-tliet kwistjonijiet.

Il-konsultazzjoni tiftaħ fit-3 ta' Mejju u tagħlaq fil-31 ta' Awissu 2006.

Il-kontribuzzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' websajt iddedikata, mnejn jista' jinkiseb iktar tagħrif dwar il-proċess ta' konsultazzjoni. Il-Kummissjoni se tikkonsulta wkoll il-partijiet interessati permezz tar-rappreżentanzi tagħha fl-Istati Membri.

Il-kontribuzzjonijiet se jiġu ppublikati kollha fuq is-sit.

---

[3] KUMM(2002) 704.

[4] Il-*White Paper* tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Governanza Ewropea.

II. IT-TRASPARENZA U R-RAPPREŻENTAZZJONI TA' L-INTERESSI (*LOBBYING*)

1. It-tifsiriet u l-qafas bażiku

Għall-għanijiet ta' din il-*Green Paper*, "*lobbying*" jirreferi għall-attivitajiet kollha mwettqa bl-għan li jiġi influwenzati l-proċessi tal-formulazzjoni tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej.

B'hekk, "*lobbyists*" huma l-persuni li jwettqu dawn l-attivitajiet, li jaħdmu f'għadd ta' organizzazzjonijiet bħalma huma l-konsulenzi, id-ditti ta' l-avukati, l-*NGOs*, it-*think tanks*, il-*corporate lobby units* ("rappreżentanti interni") jew l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ.

Għal diskussjoni relevanti dwar kif għandu jsir il-*lobbying* fil-livell ta' l-UE , trid tiddefinixxi l-qafas bażiku li fuqu għandha tinbena r-relazzjoni ta' bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-*lobbyists*. Il-Kummissjoni tħares lejn il-komponenti li ġejjin bħala essenzjali:

1. Il-*lobbying* huwa parti leġittima mis-sistema demokratika, irrispettivament minn jekk isirx minn ċittadini individwali jew kumpaniji, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u gruppi oħra li jirrappreżentaw xi interess jew ditti li jaħdmu f'isem partijiet terzi (professjonisti fl-affarijiet pubbliċi, *think-tanks* u avukati).

2. Il-*lobbyists* jistgħu jgħinu biex iressqu kwistjonijiet importanti għall-attenzjoni ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej. F'xi każijiet, il-Komunità toffri għajnuna finanzjarja sabiex jiġi żgurat li l-fehmiet ta' ċerti gruppi li jirrappreżentaw xi interess jiġu mleħħna b'mod effettiv fil-livell Ewropew (eż. interessi tal-konsumaturi, ċittadini b'diżabilità, interessi ambjentali eċċ.).

3. Fl-istess waqt, m'għandhiex issir influwenza mhux xierqa fuq l-Istituzzjonijiet Ewropej permezz ta' *lobbying* mhux xieraq.

4. Meta l-*lobby groups* ikollhom l-għan li jikkontribwixxu għall-Iżvilupp tal-politika ta' l-UE, għandu jkun ċar għall-pubbliku ġenerali liema kontribut qed jipprovdu lill-Istituzzjonijiet Ewropej. Irid ikun ċar ukoll lil min jirrappreżentaw, x'inhi l-missjoni tagħhom u kif jirċievu l-fondi.

5. Inerenti fl-obbligu ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej li jidentifikaw u jħarsu "l-interess ġenerali tal-Komunità"[5] huwa d-dritt tagħhom li jorganizzaw deliberazzjonijet interni bla interferenza minn interessi minn barra.

6. Il-miżuri fil-qasam tat-trasparenza jridu jkunu effettivi u proporzjonati.

2. Oqsma li jistgħu jkunu problematiċi

Ġie espress tħassib mill-midja, l-akkademiċi u rappreżentanti ta' xi interessi dwar prattiċi tal-*lobbying* li jitqies li jmorru 'l hinn mir-rappreżentazzjoni leġittima ta' l-interessi. Dan japplika mhux biss għall-prattiċi li huma illeġittimi b'mod ċar (frodi u korruzzjoni), imma wkoll għal metodi oħra mhux xierqa ta' *lobbying* li jabbużaw il-politika ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE ta' għamil bil-miftuħ jew li jqarrqu b'mod ċar.

---

[5] Cf. L-Artikolu 213 KE.

Eżempji li ta' sikwit jiġu kkwotati f'dan il-kuntest huma:

- Jiġi provdut tagħrif mgħawweġ lill-istituzzjonijiet ta' l-UE dwar l-impatt possibbli ekonomiku, soċjali jew ambjentali ta' l-abbozz ta' proposti ta' liġi;

- It-teknoloġiji tal-komunikazzjoni moderni (internet u imejls) jagħmluha ħafifa li jiġu organizzati kampanji tal-massa għal jew kontra kawża partikulari, mingħajr ma l-istituzzjonijiet ta' l-UE ma jkunu jistgħu jivverifikaw sa liema punt dawn il-kampanji jkunu jirriflettu t-tħassib ġenwin taċ-ċittadini ta' l-UE.

- Il-leġittimità tar-rappreżentazzjoni ta' l-interessi minn *NGOs* Ewropej kultant tiġi ddubitata għaliex xi *NGOs* jidhru li jistrieħu fuq għajnuna finanzjarja mill-baġit ta' l-UE kif ukoll fuq għajnuna politika u finanzjarja mill-membri tagħhom.

- Għall-kuntrarju, skond ħafna *NGOs*, m'hemm l-ebda parità tal-kundizzjonijiet fil-*lobbying* għaliex is-settur ta' l-impriżi jista' jinvesti iktar riżorsi finanzjarji fil-*lobbying*.

- F'termini ġenerali, hemm kritika dwar in-nuqqas ta' tagħrif dwar il-*lobbyists* attivi fil-livell ta' l-UE, inklużi r-riżorsi finanzjarji li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

3. Il-miżuri eżistenti u l-għażliet

Il-politika eżistenti tal-Kummissjoni dwar it-trasparenza fil-*lobbying* hija msejsa fuq żewġ kategoriji ta' miżuri differenti. Minn banda, hemm it-tagħrif provdut lill-pubbliku ġenerali dwar ir-relazzjonijet bejn ir-rappreżentanti ta' xi interess u l-Kummissjoni sabiex wieħed ikun hemm skrutinju minn barra. Mill-banda l-oħra, hemm ir-regoli dwar l-integrità li jirregolaw il-kondotta xierqa ta' dawk li qed jirċievu l-*lobbying* u tal-*lobbyists* infushom.

3.1. Skrutinju minn barra

L-iskrutinju minn barra jista' jkun deterrent kontra forom ta' *lobbying* mhux xierqa. Il-miżuri tat-trasparenza jistgħu jipprovdu tagħrif dwar min huwa impenjat f'attivitajiet ta' *lobbying* u l-pożizzjonijiet li jieħdu meta jwettqu *lobbying* ma' l-Istituzzjonijiet Ewropej.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha kuntatt ma' varjetà kbira ta' partijiet interessati, esperti u *lobbyists*. Din is-sezzjoni titratta dwar il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti ta' xi interess fi proċessi ta' konsultazzjoni pubblika.

F'dan il-qasam, il-Kummissjoni ġa għandha politika stabbiliita sew dwar it-trasparenza, li hija stipulata f'*"Il-prinċipji ġenerali u l-istandards minimi għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati"*.

L-istandards minimi jitolbu li l-kontribuzzjonijiet tal-parteċipanti fil-konsultazzjonijiet pubbliċi jiġu ppubblikati fuq l-internet (ara wkoll il-kapitlu III). L-istandards tal-konsultazzjoni fihom ukoll ir-rekwiżiti fir-rigward tat-trasparenza dwar in-natura tal-gruppi li jirrappreżentaw xi interess.

Il-Prinċipji Ġenerali u Standards Minimi għall-Konsultazzjoni

"L-għamil bil-miftuħ u l-kontabilità huma prinċipji importanti għat-tmexxija ta' l-organizzazzjonijet meta jkollhom l-għan li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika ta' l-UE. Għandu jkun ċar:

- liema interessi jirrapreżentaw
- kemm tkun inklużiva dik ir-rappreżentazzjoni.

*Il-partijiet interessati li jixtiequ jressqu l-kummenti tagħhom dwar proposta ta' politika tal-Kummissjoni jridu għalhekk ikunu lesti jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-pubbliku ġenerali t-tagħrif deskritt hawn fuq. Dan it-tagħrif għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dawn jew permezz tad-*database *tal-CONECCS (fejn l-organizzazzjonijiet ikunu eliġibbli għal din id-*database *u jixtiequ jkunu inklużi fuq bażi volontarja) jew permezz ta' miżuri oħra, eż. bulettini ta' tagħrif speċjali. Jekk ma jiġix provdut dan it-tagħrif, is-sottomissjonijiet jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet individwali"*[6].

Il-CONECCS[7] hija d-*database* volontarja tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej. "Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili" huwa kunċett wiesa' ħafna u jinkludi trejdjunjins u federazzjonijiet ta' min iħaddem, *NGOs*, gruppi tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-atturi soċjali u ekonomiċi, organizzazzjonijiet karitattivi u organizzazzjonijiet ibbażati fil-Komunità[8]. Il-CONECCS tista' għalhekk titqies bħala *database* dwar *(Lobby) groups* Ewropej li jirrappreżentaw xi interess.

Il-CONECCS tintuża bħala għajn ta' tagħrif għad-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-pubbliku ġenerali. Madanakollu, m'hemm l-ebda rekwiżit jew inċentiv biex organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jirreġistraw ruħhom. Daqstant ieħor, m'hemm l-ebda diżinċentiv għal min ma jirreġistrax ruħu.

Il-Kummissjoni Ewropea ma toperax la sistema ta' akkreditazzjoni u lanqas reġistru obbligatorju ta' l-organizzazzjonijiet li għandhom trattazzjonijiet mal-Kummissjoni.

Għall-kuntrarju, il-Parlament Ewropew (PE) għandu sistema ta' akkreditazzjoni għal dawk kollha li jkunu jeħtieġu aċċess ta' sikwit għal din l-istituzzjoni (imfisser bħala ħamest ijiem jew iktar fis-sena). Din is-sistema tippermetti aċċess fiżiku għall-Parlament. Jinħarġu *passes* speċjali mill-*Quaestors* u dawn huma validi għal sena. Dawn juru l-isem tad-detentur, l-isem tad-ditta li d-detentur jaħdem magħha u l-organizzazzjoni li huwa jirrappreżenta. Fuq il-websajt tal-PE jiġi ppubblikat reġistru ta' *lobbyists* akkreditati. Di hija sempliċiment lista alfabetika u tipprovdi biss l-ismijiet ta' dawk li għandhom il-beġġ u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw. Din ma tagħti l-ebda indikazzjoni ta' l-interessi li l-*lobbyist* qed jaħdem għalihom.

---

[6] KUMM (2002) 704.

[7] CONECCS–Konsultazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea u s-Soċjetà Ċivili http://europa.eu.int/comm/civil_society/coneccs/index_en.htm.

[8] Il-Kummissjoni ibbażat il-ħidma tagħha prinċipalment fuq id-definizzjoni li juża l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (EESC).

F-UE, il-*Bundestag* Ġermaniż huwa, għalissa[9], l-uniku parliament li adotta regoli speċifiċi formali dwar ir-reġistrazzjoni tal-*lobbyists*. Kull sena tiġi fformulata lista pubblika tal-gruppi kollha li jixtiequ jesprimu jew jiddefendu l-fehmiet tagħhom. Il-gruppi li jirrappreżentaw xi interess iridu jipprovdu t-tagħrif li ġej sabiex jirreġistraw: isimhom u s-sede tagħhom, il-kompożizzjoni tal-bord tat-tmexxija u d-diretturi, l-isfera ta' l-interess, l-għadd ta' membri, l-ismijiet tar-rappreżentanti tagħhom u l-indirizz ta' l-uffiċċju tagħhom. M'hemm għalfejn jiġi provdut l-ebda tagħrif finanzjarju. Ir-reġistru jinsab fuq l-internet.

Fil-prinċipju, il-*lobbyists* ma jistgħux jinstemgħu minn kumitati parlamentari jew jinħarġilhom *pass* biex ikunu jistgħu jidħlu fil-binjiet tal-parlament sakemm ma jkunux fuq ir-reġistru. Madanakollu, il-Bundestag jista' wkoll jistieden organizzazzjonijiet li mhumiex fuq ir-reġistru biex jippreżentaw tagħrif fuq bażi *ad hoc*.

Xi pajjiżi mhux membri ta' l-UE (l-Istati Uniti u l-Kanada) stabbilew reġistru tal-*lobbyists* obbligatorju, jiġifieri dawn jimponu l-obbligu fuq id-ditti tar-relazzjonijiet pubbliċi u l-*lobby groups* biex jelenkaw il-klijenti tagħhom, il-kwistjonijeit li jittrattaw u l-flus li jiġu mħallsa lilhom minn kull klijent biex iwettqu l-kompiti tagħhom. Il-*lobbyists* iridu wkoll jippreżentaw rapport regolari. Id-*data* titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq l-internet.

It-Tisħiħ ta' l-iskrutinju estern

Jistgħu jiġu kkunsidrati għadd ta' għażliet għat-tisħiħ ta' l-iskrutinju estern tal-*lobbying*. Il-provvediment ta' tagħrif iktar estensiv dwar min ikkontribwixxa għall-iżvilupp ta' politika jew qafas legali u l-iżvilupp ta' sistema ta' reġistrazzjoni imsejsa fuq inċentivi huma l-għażliet li jidhru l-iktar xierqa għall-Kummissjoni Ewropea.

Tagħrif Imtejjeb

L-ewwelnett, għandha ssir enfasi fuq l-applikazzjoni konsistenti ta' regoli eżistenti fil-qasam tal-konsultazzjonijiet pubbliċi bil-miftuħ. Dan ifisser li l-Kummissjoni se tiżgura li, fil-kuntest ta' din ix-xorta ta' konsultazzjoni, li l-gruppi li jirrappreżentaw xi interess jiġu mitluba sistematikament biex jipprovdu tagħrif dwar l-għanijiet tagħhom, l-għejun tal-fondi u l-interessi rrappreżentati.

L-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti eżistenti tat-trasparenza tista' tittejjeb billi tiġi żviluppata għodda elettronika (kwestjonarju), li jippermetti lill-Kummissjoni tiġbor iktar tagħrif dwar il-parteċipanti f'konsultazzjonijiet bil-miftuħ imsejsa fuq il-web.

Din l-għodda lesta tkun tista' tintuża mid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni għall-konsultazzjonijiet tagħhom bl-internet.

Ir-Reġistrazzjoni – Sistema Volontarja b' inċentivi għar-reġistrazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tiżviluppa u tamministra sistema ta' reġistrazzjoni volontarja msejsa fuq il-web għall-gruppi kollha li jirrappreżentaw xi interess u l-*lobbyists* li jixtiequ jiġu kkonsultati dwar inizjattivi ta' l-UE. Gruppi u *lobbyists* li jirreġistraw tagħrif speċifiku dwarhom infushom, tingħatalhom l-opportunità li jindikaw l-interessi speċifiċi tagħhom u mbagħad jiġu avżati dwar il-konsultazzjonijiet f'dawk l-oqsma speċifiċi ta' interess. B'hekk, il-*lobbyists* li rreġistraw biss jiġu infurmati awtomatikament mill-Kummissjoni. Biex

---

[9] F'xi Stati Membri ġodda ta' l-UE, bħalissa qed jiġu kkunsidrati sistemi obbligatorji.

jikkwalifikaw għall-inklużjoni fir-reġistru, l-applikanti jkunu jridu jipprovdu tagħrif dwar ’il min jirrappreżentaw, x’inhi l-missjoni tagħhom u kif jirċievu l-fondi tagħhom. L-applikanti ikunu jridu wkoll jissottoskrivu kodiċi tal-kondotta (ara t-taqsima 3.2.), li jkun infurzat b’mod kredibbli u trasparenti. Mill-*punto di vista* tal-pubbliku ġenerali, ir-reġistru jkun jipprovdi ħarsa ġenerali, miftuħa għall-iskrutinju pubblika, lejn gruppi impenjati fil-*lobbying* immirat lejn il-Kummissjoni.

*3.2. Ir-regoli ta’ l-integrità: Kodiċijiet tal-Kondotta għal-*Lobbyists

Flimkien ma’ l-iskrutinju estern tal-kuntatti mal-*lobbyists*, it-regoli ta’ l-integrità huma kontribuzzjoni oħra essenzjali għat-trasparenza fil-*lobbying*.

Il-Qagħda kurrenti

Il-kunċett tradizzjonali fil-livell Ewropew poġġa l-piż fuq l-imġiba etika tar-rappreżentanti ta’ l-Istituzzjonijiet infushom minflok stabbilixxa regoli addizzjonali li jorbtu legalment għall-imġiba tal-*lobbyists*. Għalhekk, il-Membri tal-Kummissjoni u l-istaff ta’ l-Istituzzjonijiet Ewropej huma marbuta b’regoli stretti li jiżguraw l-imparzjalità. Id-dispożizzjonijiet rilevanti jinsabu fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej u r-Regolamenti ta’ l-Istaff (ara l-Anness).

Dawn ir-regoli huma infurzati b’mekkaniżmi speċjali ta’ monitoraġġ u sanzjonijiet.

Il-Kummissjoni adottat il-fehma li kodiċijiet tal-kondotta volontarji għal-*lobbyists* jistgħu jilagħbu rwol utli ta’ appoġġ. Il-Kummissjoni s’issa għażlet politika ta’ awtoregolazzjoni f’dan il-qasam. Fil-Komunikat ta’ l-1992 dwar gruppi speċjali li jirrappreżentaw xi interess, il-*lobbyists* ġew mistiedna jadottaw il-kodiċi ta-kondotta tagħhom stess fuq il-bażi ta’ kriterji minimi proposti miill-Kummissjoni. Il-karatteristiċi ewlenin ta’ dawn il-kriterji jistgħu jitqassru kif ġej:

- Il-*lobbyists* għandhom jaġixxu b’mod onest u dejjem jiddikjaraw l-interess li jirraprreżentaw.
- M’għandhomx ixerrdu tagħrif qarrieq.
- M’għandhom joffru l-ebda forma ta’ tħajjir sabiex jiksbu tagħrif jew jirċievu trattament preferenzjali.

Bħala riżultat tas-sistema ta’ awtoregolazzjoni inkoraġġita mill-Kummissjoni, diversi organizzazzjonijiet umbrella ta’ prattikanti Ewropej fil-qasam ta’ l-affarijiet pubbliċi (konsulenti u ditti li joffru serzvizzi ta’ konsulenza) adottaw kodiċijiet tal-kondotta volontarji. Dawn huma bbażati fuq l-istandards minimi proposti mill-Kummissjoni u huma simili ħafna fit-ton u l-kontenut. Fl-2005, l-organizzazzjonijiet ziedu mal-kodiċijiet tagħhom mekkaniżmi ta’ sanzjonijiet interni, li jvarjaw minn twiddiba għal tkeċċija limitata jew indefinita.

Sa issa ma ġew irrappurtati l-ebda każi ta’ kondotta ħażina fil-kuntest ta’ dawn il-kodiċijiet tal-kondotta volontarji. Punt ieħor importanti li ta’ min jinnutah hu li l-konsulenti biss josservaw dawn il-kodiċijiet. La l-*lobbyists* li huma impjegati permanenti ta’ gruppi li jirrappreżentaw xi interess u lanqas gruppi oħra li jirrappreżentaw xi interess u li xi drabi jimpenjaw irwieħhom f’attivitajiet ta’ *lobbying* (eż. ditti ta’ avukati u *think-tanks*) ma jaqgħu fl-ambitu ta’ kodiċi tal-kondotta volontarji bħal dawn. Meta mqabbla max-xena ġenerali tal-

lobbying fi Brussell, il-kopertura tal-kodiċijiet volontarji kienet, b'konsegwenza, limitata. Barra minn hekk, billi s-sistema kurrenti tistrieħ fuq l-awtodixxiplina, jidher li huwa meħtieġ li l-kodiċijiet eżistenti jiġu kkonsolidati u tiddaħħal sistema komuni ta' infurzar u sanzjonijiet li jkollha l-fiduċja ta' kulħadd. Din tista' tinkludi kodiċi tal-kondotta komuni, li japplika għal-*lobbyists* kollha u li jiġi mmonitorjat minn organizzazzjoni umbrella speċjali u li jkun jista' jiġi akkoppjat ma' sistema ta' reġistrazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni. Ġie ssuġġerit ukoll li l-istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom ikunu lesti li japplikaw sanzjonijiet formali fir-rigward ta' kwalunkwa *lobbyist* li jikser il-kodiċi tal-kondotta.

Il-Parlament Ewropew għandu kodiċi tal-kondotta obbligatorju[10] għal dawk kollha li jixtiequ jiġu akkreditati (ara iktar 'il fuq). Kwalunkwe ksur jista' jwassal għall-irtirar ta' l-akkreditazzjoni, jiġifieri tal-possibbiltà ta' aċċess fiżiku għall-bini tal- PE.

Bħalissa ma jeżistu l-ebda kodiċijiet tal-kondotta obbligatorji fl-Istati Membri ta' l-EU[11]. Il-Kanada tidher li hi l-uniku pajjiż mhux membru ta' l-UE li tapplika din is-sistema. F'termini ta' sustanza, il-kodiċi Kanadiż ikopri l-istess oqsma tal-kriterji minimi għal kodiċi volontarju propost mill-Kummissjoni. Il-liġi Kanadiża tipprovdi li meta "Ir-Reġistratur tal-*Lobbyists*" ikollu bażijiet raġonevoli biex jissuspetta li kien hemm ksur tal-Kodiċi tal-Kondotta tal-*Lobbyists*, għandu jistħarreġ dak il-ksur u jirrapporta lill-Parlament. Ir-riżultati ta' dak l-istħarriġ huwa disponibbli għall-pubbliku (Fl-2003-2004, ġew investigati erba' lmenti li l-erbgħa li huma nstabu li kienu bla sustanza.) Ksur tal-Liġi jista' jwassal għal sentenza ta' ħabs jew multa ta' mhux iktar minn €66,000.

Il-ġejjieni

Fuq dan l-isfond, il-Kummissjoni hija tal-fehma li hija meħtieġa trasparenza ikbar fil-*lobbying*. Hija tqis li sistema kredibbli tkun tikkonsisti fi:

– Sistema ta' reġistrazzjoni volontarja, li titmexxa mill-Kummissjoni, b'inċentivi ċari biex il-*lobbyists* jirreġistraw. L-inċentivi jkunu jinkludu allerti awtomatiċi dwar konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interessi magħrufa għal-*lobbyists*.

– Kodiċi tal-kondotta komuni għal-*lobbyists* kollha, jew għallinqas rekwiżiti minimi komuni. Il-kodiċi għandu jiġi żviluppat mill-professjoni tal-*lobbying* nnifisha, possibilment billi tikkonsolida u ttejjeb il-kodiċijiet eżistenti.

– Sistema ta' monitoraġġ u sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati f'każ ta' reġistrazzjoni inkorretta u/jew ksur tal-kodiċi tal-kondotta.

Il-Kummissjoni m'hix tal-fehma li sistema ta' reġistrazzjoni obbligatorja tkun għażla xierqa. Sistema ta' awtoregolazzjoni aktar b'saħħitha jidher li tkun iktar xierqa. Madanakollu, wara ċertu perjodu, għandu jsir rikonsiderazzjoni biex jiġi eżaminat jekk l-awtoregolazzjoni tkunx ħadmet. Jekk ma tkunx ħadmet, tista' tiġi kkunsidrata sistema ta' miżuri obbligatorji – kodiċi tal-kondotta obbligatorju flimkien ma' reġistrazzjoni obbligatorja.

10 L-Artiklu 3 ta' l-Anness IX tar-Regoli tal-Proċedura tal-PE.
11 Fis-Slovakkja u l-Ungerija qed jiġu kkunsidrati approċċi obbligatorji.

***Mistoqsijiet*:**

- *Taqbel li għandhom isiru sforzi biex tiżdied it-trasparenza fil-*lobbying*?*
- *Taqbel li l-*lobbyists *li jixtiequ jiġu infurmati awtomatikament dwar il-konsultazzjonijiet mill-istituzzjonijiet ta' l-UE għandhom jirreġistraw u jipprovdu tagħrif, inkluż dwar l-għanijiet u l-qagħda finanzjarja tagħhom u dwar l-interessi li jirrappreżenta? Taqbel li dan it-tagħrif għandu jkun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali? Min taħseb li għandu jiġġestixxi r-reġistru?*
- *Taqbel mal-konsolidazzjoni tas-sistema tal-Kodiċijiet tal-Kondotta eżistenti għandha tiġi msaħħa permezz ta' sett ta' rekwiżiti minimi komuni? Min taħseb li għandu jikteb il-kodiċi?*
- Taqbel li hija meħtieġa organizzazzjoni esterna ta' sorveljanza, ġdida u inkluživa, biex tissorvelja l-osservanza u li għandhom jiġu applikati sanzjonijiet għal kwalunkwe ksur tal-Kodiċi?

III. REAZZJONI DWAR L-APPLIKAZZJONI TA' l- ISTANDARDS MINIMI GĦALL-KONSULTAZZJONI

Konsultazzjoni wiesgħa taħseb għall-involviment ta' partijiet interessati fil-proċess ta' l-iffurmar tal-politika. Din hija għodda essenzjali għat-titjib tal-kwalità tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni. L-*istandards minimi* tal-Kummissjoni jagħmlu parti ewlenija mill-pjan ta' azzjoni ta' *Tifsil Aħjar tal-Liġijiet*, li l-għan primarju tiegħu huwa li tittejjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE.

Il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-*istandards minimi għall-konsultazzjoni* f'Diċembru 2002[12]. L-għan kien li jinħoloq qafas ġenerali trasparenti u koerenti għall-konsultazzjoni, imma fl-istess ħin wieħed li jkun flessibbli biżżejjed biex jippermetti lid-dipartimenti tal-Kummissjoni li jadattaw il-metodi tal-konsultazzjoni tagħhom għal oqsma ta' politika partikulari. Ir-razzjonal ġenerali kien li jiġi żgurat li l-partijiet interessati jinstemgħu kif jixraq fil-proċess tat-tifsil tal-politika tal-Kummissjoni.

L-istandards minimi japplikaw għall-konsultazzjonijiet dwar il-proposti ta' politika ewlenin tal-Kummissjoni li għalihom jinħtieġ studju dwar l-impatt; dawn il-proposti huma elenkati fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni[13]. L-istandards minimi japplikaw ukoll għal konsultazzjonijiet dwar il-*Green Papers*[14]. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni huma inkoraġġiti japplikaw dawn l-istandards għal eżerċizzji ta' konsultazzjoni oħra wkoll. Madanakollu, ċerti għodod ta' konsultazzjoni huma eżentati mill-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-istandards minimi. Dawn jinkludu deċiżjonijiet meħuda permezz ta' proċess li jinvolvi l-konsultazzjoni formali ta' l-Istati Membri (*jiġifieri* l-proċedura tal-'*komitoloġija'*), konsultazzjoni permezz tad-*"Djalogu Soċjali"* (l-Artikli 137 sa 139 tat-Trattat tal-KE) u konsultazzjonijiet meħtieġa

---

12 KUMM(2002) 704.

13 Il-websajt ta' 'Il-Programm ta' Ħidma' http://europa.eu.int/comm/atwork/programmes/index_en.htm; il-websajt ta' 'L-Istudju dwar l-Impatt Assessment' http://europa.eu.int/comm/secretariat_general/impact/index_en.htm.

14 Il-*Green Papers*: http://europa.eu.int/comm/off/green/index_en.htm.

skond il-ftehimiet internazzjonali. Il-prinċipji ġenerali u l-istandards minimi ma jorbtux fil-liġi.

Il-Komunikat jiddefinixxi "**konsultazzjonijiet**" bħala dawk il-proċessi li permezz tagħhom il-Kummissjoni tixtieq twassal għal kontribut mill-partijiet interessati għat-tfassil tal-politika qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-Kummissjoni. **"Partijiet interessati"** tfisser dawk kollha li jixtiequ jipparteċipaw f'konsultazzjonijiet immexxija mill-Kummissjoni, kemm jekk ikunu organizzazzjonijiet u kif ukoll ċittadini privati.

L-istandards minimi ilhom fis-seħħ sa mill-bidu ta' l-2003. Sa l-aħħar ta' l-2005 il-Kummissjoni għamlet iktar minn mitt proposta ewlenija[15] li għalihom kienu japplikaw l-istandards minimi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat 26 *Green Paper*[16] matul dawn l-aħħar tliet snin, li għalihom kienu japplikaw l-istandards ukoll.

Matul dan il-perjodu, il-fehma ġenerali kienet li l-osservanza ġenerali hija tajba. Ir-rapporti dwar It-Tifsil Aħjar tal-Liġijiet[17] jgħidu li l-biċċa l-kbira ta' l-istandards minimi ġew applikati kif jixraq mis-servizzi tal-Kummissjoni. Partikolarment, il-punt waħdieni ta' aċċess għall-konsultazzjoni, il-portal tal-web 'Leħnek fl-Ewropa'[18], jintuża ħafna biex tingħata pubbliċità lil konsultazzjonijiet ġodda pubbliċi miftuħa. Il-limiti taż-żmien minimi għat-tweġibiet jidhru li ġew irrispettati fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. Ir-rapporti dwar l-istimi ta' l-impatt irrapurtaw fuq il-proċessi u r-riżultati tal-konsultazzjoni b'mod trasparenti. Madanakollu, il-kontribuzzjonijiet għall-konsultazzjonijiet pubbliċi bil-miftuħ ma ġewx ippubblikati fuq l-internet f'kull każ. Kien hemm ukoll każijiet ta' reazzjoni insuffiċjenti dwar kif il-kummenti li waslu permezz tal-konsultazzjonijiet ġew ikkunsidrati jew le fil-proposta ta' politika finali mill-Kummissjoni.

Huwa importanti li l-Kummissjoni titlob reazzjoni mingħand il-parteċipanti fil-proċessi tal-konsultazzjoni – il-partijiet interessati li għandhom esperjenza personali tal-konsultazzjonijiet u ta' l-applikazzjoni ta' l-istandards tal-konsultazzjoni, meta żżomm f'moħħok li dawn l-istandards japplikaw biss għal (i) proposti ta' politika ewlenin li dwarhom jinħtieġ studju dwar l-impatt u (ii) l-*Green Papers*. Din ir-reazzjoni tippermetti lill-Kummissjoni tidentifika spazju possibbli fejn jista' jsir titjib fl-applikazzjoni ta' dawn l-istandards u tikkunsidra passi oħra biex tissaħħaħ l-applikazzjoni ta' l-istandards.

Mistoqsija:

Fil-fehma tiegħek, il-Kummissjoni applikat il-prinċipji ġenerali u l-istandards minimi għall-konsultazzjoni b'mod sodisfaċenti? Tista' tirreferi għall-istandards individwali (provduti, biex tkun iffċilitata r-referenza, fl-Anness 2)

Jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għat-tweġiba tiegħek u, fejn jixraq, agħti eżempji.

---

15 Dawn il-proposti jinsabu fuq is-sit ta' l-istudju dwar l-impatt: http://europa.eu.int/comm/secretariat_general/impact/practice_en.htm.

16 Il-*Green Papers* jinsabu fuq is-sit li ġej: http://europa.eu.int/comm/off/green/index_en.htm.

17 Ir-rapporti dwar it-"Tifsil Aħħjar tal-Liġijiet" jirrapurtaw dwar l-applikazzjoni ta' l-istandards minimi għall-konsultazzjoni:rapport 2003 http://europa.eu.int/eur-lex/en/com/rpt/2003/com2003_0770en01.pdf. Rapport 2004 http://europa.eu.int/eur-lex/lex/LexUriServ/site/en/com/2005/com2005_0098en01.pdf. u l-Anness http://europa.eu.int/comm/civil_society/docs/SEC_2005_0364_1_EN.pdf.

18 http://europa.eu.int/yourvoice/konsultazzjonijiet/index_en.htm.

IV. ŻVELAR TAL-BENEFIĊJARJI TAL-FONDI TAL-KOMUNITÀ

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata biex tqajjem kuxjenza dwar l-użu li jsir mill-flus ta' l-UE, partikolarment billi jiġi spjegat aħjar xi tkun qed tagħmel l-Ewropa u għaliex huwa importanti. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex timplimenta l-baġit ta' l-UE. Hija responsabbli lejn dawk li jħallsu t-taxxa, u tqis li huwa fl-interess pubbliku ġenerali li tipprovdi tagħrif dwar kif jintefqu l-fondi ta' l-UE.

Għalkemm l-għodod moderni tal-komunikazzjoni tal-massa joffru opportuntajiet li qatt ma kien hemm bħalhom qabel għall-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, iċ-ċittadini Ewropej sfortunament iħossu li għandhom għarfien relattivament limitat dwar l-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt, iċ-ċittadini għandhom aspettattivi li dejjem qed jiżdiedu ta' trasparenza ikbar fl-istituzzjonijiet pubbliċi. Bħalma huwa dejjem iktar il-każ fi sferi oħra tal-ħajja, il-pubbliku jistenna li jkun kapaċi jaċċessa t-tagħrif li jixtieq "minnufih" f'forma li jifhimha. L-UE, bħala katalista tal-bidla u l-modernità, tixtieq tkun fuq quddiemnett ta' dan l-iżvilupp.

It-tħejjija tat-tagħrif biex jinħareġ għall-pubbliku ta' sikwit hija assoċjata ma' piż amministrattiv addizzjonali. Il-Kummissjoni tħoss li din hija investiment neċessarju fl-appoġġ pubbliku.

Il-Kummissjoni ġa tipprovdi dan it-tagħrif għall-*policies* li jirċievu l-fondi ta' l-UE li hija tiġġestixxi ċentralment u direttament, u impenjat ruħha li tagħmel dan b'mod li jinftiehem aktar faċilment. Madanakollu, il-biċċa l-kbira tal-baġit ta' l-UE ma tintefaqx ċentralment u direttament mill-Kummissjoni imma bi sħubija ma' l-Istati Membri ("ġestjoni konġunta"). Il-politiki Komuni dwar l-Agrikoltura u s-Sajd, il-Fondi Strutturali, il-Fond tal-Koeżjoni u l-Fond tar-Refuġjati jiġu implimentati permezz ta' din il-formula ta' ġestjoni konġunta. Meta jittieħdu flimkien, dawn il-*policies* ġestiti bi sħubija ma' awtoritajiet ta' l-Istati Membri jikkostitwixxu xi 75.7% tal-baġit ta' l-UE, jiġifieri €86.6 biljun fis-sena.

Ta' min iżomm f'moħħu li t-tifsira ta' "benefiċjarju" tvarja sew minn politika għall-oħra, minn bdiewa individwali, sajjieda, eċċ. għal *NGOs*, dawk li jipprovdu t-taħriġ jew Ministeri nazzjonali, li jinizjaw jew jimplimentaw ċerti azzjonijet.

It-tagħrif dwar benefiċjarji tal-fondi tal-Komunità minfuqa bi sħubija ma' l-Istati Membri bħalissa jinsab f'idejn kull Stat Membru u kull żvelar dwar is-suġġett huwa mħolli għad-diskrezzjoni tagħhom. Il-grad safejn it-tagħrif huwa pprovdut lill-pubbliku jvarja sew.

Fin-nuqqas ta' obbligu ġenerali fil-livell ta' l-UE, huwa naturalment diffiċli li tiġi ffurmata stampa sħiħa tal-qagħda eżatta għal kull programm jew proġett f'kull Stat Membru. Fil-każ tal-Politika Agrikola Komuni ngħidu aħna, bħalissa hemm tagħrif dwar il-benefiċjarji fi ħdax-il Stat Membru (il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, is-Slovenja, l-Iżvezja u ir-Renju Unit)[19], imma b'varjazzjonijiet wiesgħa fil-grad tad-detall disponibbli u l-proċeduri għall-għoti ta' dan it-tagħrif (li jvarja minn aċċess sħiħ u dirett għal aċċess parzjali fuq talba). Għall-Fondi Strutturali, id-*data* bażika dwar il-benefiċjarji tinġabar mill-Istati Membri imma la tiġi ċċentralizzata u lanqas titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. It-tagħrif dwar il-benefiċjarji għall-Istrument Finanzjarju ta' Gwida għas-Sajd huwa disponibbli f'xi Stati Membri (eż. tagħrif *online* fid-Danimarka, l-Irlanda, il-Litwanja, Spanja u l-Iżvezja).

---

19 Ara pereżempju t-tagħrif li jinsab fuq: http://www.farmsubsidy.org/60.html.

Iċ-ċittadini ta' sikwit iduru lejn il-Kummissjoni Ewropea għat-tagħrif dwar l-użu tal-baġit ta' l-UE mill-benefiċjarji, fejn dan it-tagħrif ma jkunx żvelat f'livell reġjonali jew nazzjonali. Dan iqiegħed lill-Kummissjoni f'qagħda diffiċli, billi jew ma jkollhiex dan it-tagħrif jew ma jkollhiex id-dritt li tgħaddih bla qbil minn qabel min-naħa ta' l-Istat Membru kkonċernat. Il-qafas legali eżistenti espliċitament jipprojbixxi lill-Kummissjoni milli tippubblika tagħrif dwar il-benefiċjarji.

Barra minn hekk, l-approċċ restrittiv li jieħdu xi Stati Membri fir-rigward tal-pubbliċità ta' sikwit huwa msejjes fuq il-liġi jew il-prattiki nazzjonali dwar il-ħarsien tad-*data*, li jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor, 'l hinn mill-obbligi minimi ffissati fil-livell ta' l-UE[20] u ta' sikwit huma ddeterminati mit-tradizzjonijiet nazzjonali u l-perċezzjonijiet u s-sensittivitajiet kulturali.

Kull obbligu ġenerali koerenti ta' l-Istati Membri għalhekk ikollu jissejjes fuq qafas legali ta' l-UE, li japplika direttament fl-Istati Membri kollha, sabiex jiġu żgurat approċċ konsistenti għall-benefiċjarji kollha tal-fondi ta' l-UE.

Mistoqsijiet:

– *Taqbel li ta' min jintroduċi, fil-livell tal-Komunità, obbligu li l-Istati Membri jqiegħdu t-tagħrif disponibbli dwar il-benefiċjarji tal-fondi ta' l-UE f'ġestjoni komuni?*

– Jekk iva, x'tagħrif għandu jkun meħtieġ fil-livell nazzjonali? Xi jkun l-aqwa mezz biex dan it-tagħrif jitqiegħed għad-dispożizzjoni (il-grad tat-tagħrif meħtieġ, il-perjodu kopert, il-mezz tat-tagħrif preferut)?

[20] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* personali u dwar iċ-ċaqliq ħieles ta' din id-*data* (Il-Ġurnal Uffiċjali L 281, 23.11.1995, p. 31).

Anness 1

L-Integrità: It-Trattat KE u r-Regolamenti ta' l-Istaff

Artiklu 213(2) tat-Trattat tal-KE

"Il-Membri tal-Kummissjoni għandhom, fl-interess ġenerali tal-Komunità, ikunu indipendenti għal kollox fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

Fil-qadi ta' dawn id-dmirijiet, la għandhom jitolbu u lanqas jieħdu istruzzjonijiet mill-ebda entità tal-gvern u mill-ebda entità oħra. Huma m'għandhom jieħdu l-ebda azzjoni inkompatibbli mad-doveri tagħhom. [...]

Il-Membri tal-Kummissjoni ma jistgħux, matul it-terminu tal-mandat tagħhom, jidħlu għal kwalunkwa okkupazzjoni oħra, kemm jekk bi qligħ jew mingħajr. Meta jidħlu għad-doveri tagħhom, għandhom jagħmlu dikjarazzjoni solenni li, kemm matul ki ukoll wara t-terminu tal-mandat tagħhom, dawn se jirrispettaw l-obbligi marbuta mad-dmirijiet tagħhom u partikularment id-dover tagħhom li jġibu tużhom b'intergrità u diskrezzjoni fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni, wara li jkunu waqfu mill-mandat tagħhom, ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji."

Regolamenti ta' l-Istaff

Artiklu 11*: "Uffiċjal għandu jaqdi dmirijietu u jġib ruħu biss bl-interessi tal-Komunitajiet f'moħħu; huwa m'għandu la jitlob u lanqas jieħu istruzzjonijiet mingħand kwalunkwe [...] organizzazzjoni jew persuna barra l-istitutuzzjoni tiegħu. Huwa għandu jaqdi d-dmirijiet mogħtija lilu oġġettivament, imparzjalment [...]."*

Artiklu 16: "*Uffiċjal għandu, wara li jħalli s-servizz, jissokta jkun marbut bid-dmir li jġib ruħu b'integrità u diskrezzjoni fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji.*

L-uffiċjali li jkollhom l-intenzjoni li jidħlu għal attività okkupazzjonali, kemm jekk bi ħlas jew mingħajr, fi żmien sentejn minn meta jħallu s-servizz għandhom jgħarrfu b'dan lill-istituzzjoni tagħhom. Jekk dik l-attività ikollha x'taqsam max-xogħol imwettaq mill-uffiċjal matul l-aħħar tliet snin tas-servizz u tkun tista' twassal għal kunflitt ma' l-interessi leġittimi ta' l-istituzzjoni, l-Awtorità li Tagħti l-Ħatriet tista' [...] jew ma tħallihx jidħol għall-attività jew tagħti l-approvazzjoni tagħha taħt kwalunkwa kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa."

Anness 2

Il-Prinċipji Ġenerali u l-Istandards Minimi fid-Dettall[21]

Il-**prinċipji ġenerali għall-konsultazzjoni** huma l-parteċipazzjoni, l-għamil bil-miftuħ, ir-responsabbilità, l-effikaċja u l-koerenza. Fil-prattika, dan ifisser li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tikkonsulta b'mod wiesa' u li l-proċess ta' konsultazzjoni huwa trasparenti, effiċjenti u konsistenti.

Il-ħames **standards minimi** jiffukaw fuq aspetti differenti tal-proċess ta' konsultazzjoni:

A. Kontenut ċar tal-proċess ta' konsultazzjoni

"Il-komunikazzjonijiet kollha marbuta mal-konsultazzjoni għandhom ikunu ċari u konċiżi, u għandhom jinkludu t-tagħrif kollu meħtieġ biex jiġu ffaċilitati r-reazzjonijiet."

B. Gruppi fil-mira għall-konsultazzjoni

"Fid-definizzjoni tal-grupp(i) fil-mira fi proċess ta' konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-partijiet rilevanti jkollhom opportunità jesprimu l-opinjonijiet tagħhom."

C. Pubblikazzjoni

"Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm pubbliċità adegwata biex titqajjem kuxjenza u tadatta l-kanali tal-komunikazzjoni tagħha biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-udjenzi kollha fil-mira tagħha. Bla ma jiġu eslużi għodda oħra ta' komunikazzjoni, il-konsultazzjonijiet pubbliċi bil-miftuħ għandhom jiġu ppubblikati fuq l-internet u jitħabbru fil-"punt waħdieni ta' aċċess."[22]

D. Il-limiti ta' żmien għall-parteċipazzjoni

"Il-Kummissjoni għandha tipprovdi żmien suffiċjenti għall-ippjanar u risposti għall-istediniet u l-kontribuzzjonijet bil-miktub. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-almu tagħha biex tħalli mill-inqas 8 ġimgħat biex fihom tilqa' r-risposti għall-konsultazzjonijiet pubbliċi bil-miktub u preavviż ta' 20 jum ta' xogħol għal-laqgħat."

E. Għarfien u reazzjoni

"Ir-riċevuta ta' kontribuzzjonijiet għandha tingħata għarfien. Ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika bil-miftuħ għandhom jitqiegħdu fuq il-websajts marbuta mal-punt waħdieni ta' aċċess fuq l-internet. [...] Il-kontribuzzjonijiet għal konsultazzjonijiet pubbliċi bil-miftuħ se

---

[21] Għall-kontenut sħiħ tal-prinċipji u standards, ara KUMM(2002) 704, Kapitlu V http://europa.eu.int/comm/secretariat_general/sgc/konsultazzjoni/index_en.htm.

[22] Il-portal "Leħnek fl-Ewropa" (http://europa.eu.int/yourvoice/konsultazzjonijiet/index_en.htm) ġie stabbilit sussegwentament bħala l-punt waħdieni ta' aċċess tal-Kummissjoni għall-konsultazzjoni. Dan jikkonsisti f'żewġ partijiet: fil-*homepage* tiegħu, id-dipartimenti tal-Kummissjoni għandhom l-opportunità li jippromwovu l-konsultazzjonijiet tagħhom b'mod speċjali. Il-biċċa l-kbira tal-konsultazzjonijiet tqiegħdu biss fuq il-paġni dwar l-attivitajiet individwali ta' politika, li jieħdu ħsiebhom id-dipartimenti relevanti tal-Kummissjoni li huma wkoll marbuta mal-punt waħdieni ta' aċċess.

jiġu ppubblikati fuq il-punt waħdieni ta' aċċess. Ir-riżultati ta' forom oħra ta' konsultazzjoni għandhom, kemm jista' jkun, ikunu suġġetti wkoll għall-iskrutinju pubbliku fuq il-punt waħdieni ta' aċċess fuq l-internet. Il-Kummissjoni se tipprovdi reazzjoni adegwata lill-partijiet li jirrispondu u lill-pubbliku ġenerali."[23]

[23] Ir-reazzjoni għandha tingħata fil-memoranda ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-proposti ta' liġijiet, fil-komuniki ta' wara proċess ta' konsultazzjoni u fir-rapporti ta' studji dwar l-impatt. Għal dawn id-dokumenti ta' l-2003-2005, ara s-sit ta' l-istudju dwar l-impatt: http://europa.eu.int/comm/secretariat_general/impact/practice_en.htm.